**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. R14/11

**Minuti tal-erbatax il-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2011.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fil-5.00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); membri David Apap, Salvu Borġ, Joe Cordina, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Carmelo Saliba, Miriam Portelli, Philip Vella u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u nqraw il-minuti. Tqajjem punt mill-minuti minn Joe Cordina (membru) fejn qal illi dwar Jum Għawdex jeħtieġ illi s-sena d-dieħla jkun hemm aktar propoganda sabiex l-Għawdxin ikunu aktar konxji minn dan il-Jum. Barra minnhekk ġie suġġerit ukoll illi tintalab kwotazzjoni għal kull kunsill f'Għawdex sabiex isir standard bl-istemma tar-Reġjun t'Għawdex.

1. **Korrispondenza**

   1.1 Mill-Għaqda Każini tal-Banda fejn faħħru l-inizjattiva illi ġie introdott is-servizz tal-banda fl-okażżjoni ta' Jum Għawdex.

   1.2 Mingħand il-BOV fejn qed jinforma illi l-garanzija No: G48TFC23492 qed tiġi estiża.

   1.3 Mill-Monitoring Unit fid-dipartiment tal-Gvern Lokali fejn saqsa x'tip ta' software tintuża sabiex jinħadem l-accounts. Is-segretarju nforma illi r-Reġjun għadd irid jakkwista software tal-accounts. Is-Sur Joe Cordina (membru) ssuġerixxa illi r-reġjun għandhu jakkwista s-software Sage sabiex ikun konformi mal-bqija tal-kunsilli lokali f'Malta u Għawdex. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

   1.4 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informa illi r-Reġjun ser jirċievi finanzjament mill-iskema ta' inizjattivi u attivitajiet 2012. Dan ser isir waqt konferenza tal-aħbarijiet nhar 28 ta' Diċembru. Is-segretarju nforma li ser jattendi.

   1.5 Cirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) dwar il-ftehim li jeżisti bejn Water Services Corporation u l-AKL rigward ir-reinstatement fit-toroq. Il-membri talbu illi għal-laqgħa tar-reġjun li jmiss nistiednu lill-Inġ. Stefan Rioli sabiex tiġi diskussa din il-materja.

   1.6 Memo 121/2011 – Għeluq is-Sena Finanzjarja. Is-segretarju nforma illi minn din is-sena ir-Reġjun irid jissottometti l-accounts tiegħu bħal bqija tal-kunsilli lokali.

2. **Aġġudkazzjoni Tender għas-servizzi ta' accountant**

   2.1 Joe Cordina membru ddikjara konflitt t'interess f'din il-materja u għalhekk ħa l-permess sabiex iħalli l-kamra sakemm tiġi diskussa din il-materja u tittieħed deċiżjoni.

   2.2 Is-segretarju nforma illi għall-din is-sejħa ntefgħu 4 offerti illi nfetħu nhar is-16 ta' Diċembru. Preżenti għall-ftuħ tal-offerti kien hemm Dr Samuel Azzopardi (President), is-Sur Frans Cauchi (membru) u Ian Paul Bajada (segretarju). Wara illi ġew evalwati l-offerti, kull offerta kienet tilħaq il-kriterji mitluba fis-sejħa. Il-prezzijiet mitfugħa huma dawn:

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**

| Numru | Offerent | Prezz (€) |
|---|---|---|
| 1 | Ernst&Young | 5700.00 |
| 2 | A3 Accounts | 3703.39 |
| 3 | Apex | 3288.00 |
| 4 | Daniel Galea | 1449.00 |

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi l-offerta għandha tingħata lill-offerent Daniel Galea. Is-Sur Joe Cordina ingħata permess jidħol lura fil-kamra.

**3. Andament dwar l-infurzar lokali**

3.1 Is-segretarju nforma illi fuq direzzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kumitat Reġjonali kiteb sabiex jissellef ammont ta' flus mingħand il-Kumitat Konġunt iffurmat mill-Kunsilli lokali t' Għawdex. Dan peress minn mindu daħlet ir-riforma tal-Infurzar lokali, l-Kumitati Reġjonali kellhom problema ta' *cash flow.* Is-segretarju nforma illi s'issa ir-Reġjun ma rċeviex flus l-ebda flus b'self.

3.2 Is-segretarju preżenta rapport illi jirrifleti l-qagħda finanzjarja tar-Reġjun abbażi tad-dħul u spejjeż mis-sistema tal-infurzar lokali minn Settembru 2011 sal-lum. Is-segretarju spjega illi mir-rapport jidher ċar illi ir-Reġjun għandu problema ta' *cash flow* fl-ewwel xhur tal-operat tal-Infurzar Lokali. Għalkemm waħda mir-raġunijiet hija illi ċ-ċitazzjonijiet idumu ma jitħallsu, però xorta jibqa l-fatt illi d-dħul miċ-ċitazzjonijiet mhux ser ilaħħaq mal-ispejjeż illi l-Kumitat Reġjonali għandu bżonn sabiex jopera b'mod adegwat.

3.3 Il-President ippropona illi dan ir-rapport għandu jiġi aġġornat u ippreżentat f'kull laqgħa. Barra minhekk kopja ta' dan ir-rapport għandha tintbgħat lis-Sur Maurice Caruana, (Chairman LES Committee) u kkupjat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika.

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

4.1 Il-pagamenti ġew approvati skont l-iskeda kif annessa ma' dawn il-minuti.

**5. Materji Oħra**

5.1 Saviour Borg (membru) saqsa għalfejn il-laqgħat illi kienu bdew isiru bejn il-Ministeru u l-Kumitat Reġjonali għal Għawdex ma baqgħux isiru. Is-segretarju qal illi minn naħa tar-reġjun kienet ġiet proposta laqgħa b'temi fuq l-aġenda sabiex jiġu dikussi, però baqa mingħajr tweġiba. Għalhekk ġie deċiż illi terġa tibda l-kommunikazzjoni sabiex issir laqgħa.

5.2 Carmel Saliba (membru) wassal ix-xewqat sbieħ tal-Milied u sena l-ġdida lill-President u l-membri kollha tal-Kumitat Reġjonali.

5.3 Peress illi ma kienx hemm aktar materji x'jiġi diskussi l-laqgħa spiċċat fil-6.30 pm.

.

__________________ __________________

Samuel Azzopardi
President
Reġjun Għawdex

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv